MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Avviż Pubbliku dwar D.B.R. Investments Limited

Dan l-avviż qed jinħareġ fir-rigward ta' D.B.R. Investments Limited ("DBR" u "l-Kumpanija") li għandha numru ta' reġistrazzjoni C-27129 u li topera minn 'Deber', Nigret Road, Żurrieq, u li għandha liċenzja ta' servizzi ta' investiment ta' Kategorija 2 maħruġa mill-MFSA. DBR hi liċenzjata biex: [i] twassal u tittrażmetti ordnijiet; [ii] tqiegħed strumenti mingħajr bażi soda ta' impenn [iii] tipprovdi servizzi ta' *nominee*; u [iv] teżegwixxi ordnijiet f'isem il-klijenti. DBR mhix liċenzjata mill-MFSA biex tipprovdi ebda tip ta' servizzi finanzjarju ieħor. B'mod partikolari, DBR mhix liċenzjata biex topera fin-negozju bankarju jew fin-negozju ta' istituzzjoni finanzjarja.

Bħala parti mill-funzjonijiet superviżorji tagħha, l-Awtorità wettqet numru ta' spezzjonijiet fl-uffiċċji ta' DBR. L-aħħar spezzjoni fuq is-sit għand DBR saret f'Ottubru 2014, u wara l-Awtorità kompliet twettaq monitoraġġ mill-qrib fir-rigward tan-negozju tagħha ta' servizzi ta' investiment. B'riżultat tal-intervent tal-Awtorità, fit-23 ta' Settembru 2015, il-Kumpanija kkonfermat lill-Awtorità li kienet waqfet tieħu negozju ġdid ta' servizzi ta' investiment u kienet se tkompli biss tipprovdi servizz lil dawk il-klijenti eżistenti li kienu qed jirċievu servizzi ta' investiment.

Fis-6 ta' Ottubru 2015, id-Direttur Maniġerjali u azzjonist maġġoritarju ta' DBR, is-Sur John Farrugia ġie nieqes. Il-Kumpanija sussegwentement bdiet il-proċess sabiex tagħlaq in-negozju tas-servizzi ta' investiment. L-Awtorità waslilha wkoll għall-attenzjoni tagħha li s-Sur John Farrugia seta' wettaq xi attivitajiet ta' servizzi finanzjarji mhux awtorizzati fil-kapaċità personali tiegħu. F'dan ir-rigward, sar rapport lill-Pulizija. Bħalissa għaddejjin investigazzjonijiet biex jistabbilixxu sa liema punt DBR setgħet kienet involuta f'dawn l-attivitajiet mhux awtorizzati.

Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-investituri, f'Novembru 2015, l-Awtorità dderiġiet lill-Kumpanija *inter alia* biex tittrasferixxi l-klijenti eżistenti tagħha lil fornituri oħra ta' servizzi ta' investiment kemm jista' jkun malajr. Il-klijenti ta' servizzi ta' investiment tal-kumpanija ġew infurmati b'dan u l-proċess ta' trasferiment tal-assi u l-flejjes lil fornituri oħra ta' servizzi ta' investiment għaddej fil-preżent. L-Awtorità qed twettaq monitoraġġ mill-qrib tal-proċess biex il-Kumpanija tagħlaq in-negozju tagħha ta' servizzi ta' investiment fl-aħjar interess tal-klijenti.

L-Awtorità tat direzzjoni li r-rekords u d-dokumenti eżistenti kollha tal-klijenti jinżammu f'post sigur u ma jiġux meqruda, imħassra jew mormija b'xi mod u m'għandhomx jiċċaqilqu jew jiġu trasferiti mill-uffiċċju reġistrat tal-Kumpanija. Aktar minn hekk, id-diretturi, l-azzjonisti, uffiċjali oħra u impjegati tal-Kumpanija ngħataw direzzjoni li jżommu u ma jeqirdux, ma jagħmlux ħsara u ma jagħmlu ebda tibdil f'ebda dokumentazzjoni li tista' tkun fil-pussess tagħhom b'rabta mal-Kumpanija u/jew il-klijenti tagħha. Aktar minn hekk, l-Awtorità tat direzzjoni lid-diretturi, l-azzjonisti, uffiċjali oħra u impjegati tal-Kumpanija biex jassiguraw li l-ebda assi ma jiġu trasferiti mill-Kumpanija, ħlief strettament għall-pagament ta' *claims* u spejjeż leġittimi li joriġinaw min-negozju tal-investimenti.

Bl-għan li jkunu salvagwardjati l-interessi tal-investituri, l-Awtorità **llum ħadet passi ulterjuri billi ħatret lis-Sur Paul Mercieca, ai termini tal-Artikolu 15A tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, sabiex imexxi l-assi u jieħu f'idejh il-kontroll tan-negozju tal-Kumpanija.**

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sur Mercieca wettaq il-kompiti fdati lilu fit-termini tal-ħatra tiegħu taħt l-Artikolu 15A tal-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment u minħabba f'hekk, il-ħatra tiegħu ġiet konkluża fis-27 ta' April 2020.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**MFSA Ref: 26-2016**
**08 ta' Marzu 2016**